MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 1372/2000/3

**Carmel u Rita konjuġi Camilleri**
***v.***
**Doreen Cardona u John Mary Cardona; u b'dikriet tat-28 ta' Jannar 2003 issejħu fil-kawża Raymond u Anna konjuġi Martin**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Doreen Cardona minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2008 li laqgħet talba tal-atturi għall-kundanna tal-istess konvenuta appellanti għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' immobbli.

2. L-atturi fissru illi b'kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon il-konvenuta xtrat

mingħandhom il-fond numru 102, Triq il-Barrakki, Ħal Qormi bil-prezz ta' ħmistax-il elf lira ta' Malta (Lm15,000) fil-munita ta' dak iż-żmien. Il-konvenuta ħallset biss ħames mija u disgħa u sebgħin lira (Lm579) u għalhekk fadlilha tagħti erbatax-il elf, erba' mija u wieħed u għoxrin lira (Lm14,421), daqs tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u disgħin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€33,591.89). L-atturi għalhekk ħarrku lill-konvenuta u lil żewġha John Mary magħruf bħala Jimmy (għalkemm fiċ-ċitazzjoni bi żball tniżżel bħala Joseph) Cardona "għal kull interess li jista' jkollu" u talbu illi l-qorti:

3. tgħid illi l-konvenuti jew xi ħadd minnhom għandhom jagħtuhom erbatax-il elf, erba' mija u wieħed u għoxrin lira (Lm14,421) bilanċ tal-prezz tal-bejgħ tal-fond fuq imsemmi; u

4. tikkundanna lill-konvenuti jew lil xi ħadd minnhom iħallsu dak il-bilanċ ta' erbatax-il elf, erba' mija u wieħed u għoxrin lira (Lm14,421), illum tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u disgħin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€33,591.89).

5. Il-konvenuta Doreen Cardona ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

6. hi ma għandha tagħti xejn lill-atturi għax dawn "kienu qablu u aċċettaw li l-prezz jirċevuh bi tpartit ta' proprjetà mingħand terzi, u *cioè* mingħand Raymond u Anna konjuġi Martin, u proprju għalhekk iddikjaraw fil-kuntratt ta' bejgħ li l-prezz tħallas mal-kuntratt u tħalliet minnhom id-debita riċevuta" u

7. l-atturi fetħu l-kawża x'aktarx għax l-imsemmija Raymond u Anna Martin naqsu li jagħmlu t-tpartit u għalhekk l-eċċipjenti żammet il-jedd li titlob illi dawn jissejħu fil-kawża.

8. Il-konvenut John Mary Cardona ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ma huwiex kontradittur leġittimu għax ma kienx parti fuq il-kuntratt ta' bejgħ u dak iż-żmien li sar il-kuntratt ma kienx hemm fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu l-konvenuta Doreen Cardona. L-ewwel qorti, b'sentenza tat-30 ta' Jannar 2001 li minnha ma sarx appell laqgħet din l-eċċezzjoni u ħarġet lil dan il-konvenut mill-kawża.

9. B'dikriet tal-31 ta' Mejju 2001 Raymond u Anna miżżewġin Martin issejħu fil-kawża fuq talba tal-

konvenuta. Dan id-dikriet tħassar *contrario imperio* b'dikriet ieħor tat-18 ta' Marzu 2002, iżda l-miżżewġin Martin reġgħu issejħu fil-kawża b'dikriet ieħor tat-28 ta' Jannar 2003, iżda ma ressqux eċċezzjonijiet.

10. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

11. B'kitba privata tas-26 ta' Diċembru 1997[1] l-atturi Camilleri u l-imsejħa fil-kawża Martin ftiehmu illi l-atturi kellhom jagħtu lil Martin bi tpartit il-fond numru 1 Triq il-Barrakki, Ħal Qormi, li jiswa ħmistax-il elf lira (Lm15,000), waqt illi Martin kellhom jagħtu lill-atturi bl-istess titolu ta' tpartit il-fond numru 138, Triq Azzopardi, il-Marsa, li jiswa sittax-il elf lira (Lm16,000). Camilleri ngħataw fakoltà li jmorru joqogħdu fil-post tal-Marsa, għalkemm it-tpartit kien għadu ma seħħx, iżda ntrabtu li jroddu l-post lura jekk it-tpartit jibqa' ma jseħħx.

12. Camilleri ħallsu lil Martin ħames mitt lira (Lm500) akkont tad-differenza fil-valur dakinhar tal-kuntratt u ħallsu l-ħames mitt lira (Lm500) l-oħra – b'kollox għalhekk elf lira (Lm1,000) – fil-21 ta' Jannar 1998, iżda l-partijiet ftiehmu illi hekk kif jiġi pubblikat l-att ta' tpartit Martin iroddu dawn l-elf lira (Lm1,000) lil Camilleri.

13. It-tpartit baqa' ma seħħx iżda Martin ressqu lill-konvenuta Doreen Cardona biex tixtri mingħand l-atturi l-fond f'Ħal Qormi, li l-ftehim fuq imsemmi tas-26 ta' Diċembru 1997 kien ried li jingħata bi tpartit lil Martin, biex hekk effettivament Martin issostitwew lil Cardona flokhom għall-akkwist tal-fond. Il-ħsieb jidher li kien illi Cardona, ix-xerrejja, tħallas il-prezz tax-xiri lil Martin flok lil Camilleri, il-bejjigħa, u bi ħlas imbagħad Camilleri jieħdu mingħand Martin il-post tal-Marsa kif ried il-ftehim tas-26 ta' Diċembru 1997.

14. Sabiex Martin ikollhom jedd illi jitħallsu mingħand Cardona għalkemm fuq il-kuntratt ma kinux sejrin jidhru bħala l-bejjigħa (billi l-bejjigħa kienu l-atturi Camilleri), sar kuntratt fid-19 ta' Lulju 1998[2] li bih il-konvenuta Cardona u żewġha John Mary Cardona għarfu li kellhom jagħtu erbatax-il elf u erba' mitt lira (Lm14,400) lil Martin.

---

[1] *Fol*. 98 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[2] Foll. 99 *et seq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

15. L-arranġament għalhekk jidher li kien maqsum fuq tliet negozji: (a) l-atturi Camilleri jagħtu l-post ta’ Ħal Qormi lill-konvenuta Cardona, (b) Cardona tħallas lil Martin, u (ċ) Martin, talli jkunu tħallsu mingħand Cardona, jagħtu l-post tal-Marsa lil Camilleri bi ħlas ta’ dak li Camilleri taw lil Cardona, biex hekk iċ-ċirku jingħalaq.
16. L-ewwel parti ta’ dan l-arranġament – li Camilleri jagħtu l-post ta’ Ħal Qormi lil Cardona – seħħ bis-saħħa tal-kuntratt tal-25 ta’ Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon. Bis-saħħa ta’ dak il-kuntratt Camilleri bigħu lil Cardona l-post ta’ Ħal Qormi – li iżda fil-kuntratt tniżżel bħala numru wieħed (1) fi Triq il-Barrakki, waqt illi fiċ-ċitazzjoni jissemma l-fond numru mija u tnejn (102) – bil-prezz ta’ ħmistax-il elf lira (Lm15,000). Fuq il-kuntratt ingħad illi dan il-prezz tħallas kollu u tħalliet riċevuta, iżda fil-fatt ma tħallas xejn għax l-intendiment kien, kif rajna, illi Camilleri jitħallsu billi jingħataw il-post tal-Marsa mingħand Martin.
17. It-tieni parti tal-arranġament seħħet ukoll għax Cardona ħallsu lil Martin.
18. It-tielet parti iżda ma seħħitx. Il-post tal-Marsa nstab li kellu xi difetti u Camilleri baqgħu ma kisbuhx mingħand Martin. Din l-aħħar parti taċ-ċirku għalhekk baqgħet miftuħa u Camilleri baqgħu ma ħadu xejn talli għaddew il-post ta’ Ħal Qormi lil Cardona. Għalhekk saret il-kawża tallum.
19. Bis-sentenza tad-9 ta’ Ottubru 2008 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ħelset lill-miżżewġin Martin mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet tal-atturi kontra l-konvenuta Doreen Cardona u ikkundannat lil din tħallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u disgħin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€33,591.89) wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
“Illi irriżulta ċar mill-provi illi l-konvenuta kienet ben konsapevoli mill-fatt illi l-atturi u l-konjuġi Martin kienu daħlu fi ftehim bejniethom illi permezz tiegħu kellhom jiskambjaw il-proprjetajiet rispettivi tagħhom b’kuntratt.
“Illi irriżulta illi mhux biss il-konvenuta kienet konspevoli ta’ dan il-fatt, iżda il-konvenuta xehdet illi meta ġie ippubblikat il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà kien hemm preżenti l-konjuġi Martin kif ukoll l-atturi.

"Illi żewġ il-konvenuta xehed illi kien hemm żmien meta huwa kien waqaf mill-pagamenti tiegħu lejn il-konjuġi Martin, iżda meta s-Sur Martin interpellah għall-ħlas huwa kien ħa parir legali u peress illi kien hemm il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu a favur il-konjuġi Martin huwa ngħata parir legali sabiex ikompli bil-pagamenti tiegħu lill-konjuġi Martin u fil-fatt il-konvenuta u żewġha ħallsu l-ammont kollu dovut minnhom lill-konjuġi Martin. Żewġ il-konvenuta xehed illi n-Nutar Pierre Falzon kien qallu biex ma jibqax iħallas lill-konjuġi Martin u xehed ukoll illi kienu ġew ikellmuh l-atturi u kienu infurmawh illi l-kuntratt bejniethom u l-konjuġi Martin fir-rigward tal-fond tal-Marsa ma kienx għadu sar u infurmawh illi kienet inqalgħet xi kwistjoni dwar xi ħsarat f'dan il-fond. …

"…

"Illi l-qorti tara illi f'dan il-każ għandha tammetti l-prova testimonjali bl-iskop li jiġu kjariti l-ambigwitajiet u l-inċertezzi tal-kuntratt u dan sabiex tiġi iċċarata il-vera intenzjoni tal-partijiet peress illi f'dan il-każ ma huwiex każ ta' prova orali in kontradizzjoni jew b'żjieda għall-prova skritta iżda prova testimonjali tendenti li tikkonferma l-kontenut tal-att miktub u sabiex tiġi dimostrata l-vera intenzjoni tal-partijiet li minn dak l-att, mingħajr l-għajnuna tal-prova testimonjali imsemmija, tkun tirriżulta mhux ċara, jew tidher inċerta, jew inkella ambigwa.

"Illi meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom b'mod ċar jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment illi jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta u li hemm bżonn tiġi maqtugħa, allura l-qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni u dina għandha tiġi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċara mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.

"…

"Illi wara illi l-qorti fliet il-provi bir-reqqa u ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni tiddikjara illi hija tal-ferma konvinzjoni illi l-interpretazzjoni l-aktar konsistenti u attenenti għall-volontà tal-kontraenti meta sar il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond f'Ħal-Qormi kienet illi l-flus kellhom jitħallsu mill-konvenuta lill-atturi. Tant hu hekk illi il-konjuġi Martin ħassew il-bżonn illi jagħmlu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u permezz ta' dan il-kuntratt il-konvenuta ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u

likwida debitriċi tal-konjuġi Martin għall-ammont illi kellha tħallas biex takkwista l-fond f'Ħal-Qormi.

"Illi tant il-konvenuta u żewġha kienu jafu illi huma kellhom iħallsu lill-atturi tal-fond illi huma xtraw mingħandhom f'Ħal-Qormi illi għamlu perjodu ta' żmien ma jħallsux lill-konjuġi Martin, iżda jgħaddu il-flus lin-Nutar Falzon, illi da parti tiegħu għaddihom lill-Bank of Valletta. Iżda sussegwentement fuq parir legali waqfu milli jagħmlu dan u reġgħu bdew iħallsu lill-konjuġi Martin."

20. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Ottubru 2008 u talbet illi din il-qorti tħassar is-sentenza appellata. L-atturi wieġbu fis-6 ta' Novembru 2008 u fissru għala fil-fehma tagħhom l-appell għandu jiġi miċħud. B'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010 din il-qorti laqgħet l-appell u ħassret is-sentenza appellata. B'rikors tat-28 ta' Jannar 2011 taħt l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-atturi talbu illi l-qorti tħassar is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010 u tisma' l-appell mill-ġdid. Din it-talba ntlaqgħet b'sentenza mogħtija fis-16 ta' April 2012.

21. Waqt is-smigħ mill-ġdid tal-appell il-konvenuta b'rikors tat-30 ta' Mejju 2012 talbet illi titħalla tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Din it-talba ntlaqgħet b'dikriet tal-15 ta' Ottubru 2012 u l-konvenuta b'nota tas-26 ta' Ottubru 2012 kompliet ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

"Illi l-fond 102 f'Barracks Street, Qormi, mertu taċ-ċitazzjoni attriċi u għalhekk l-uniku mertu tal-kawża, ma ġiex trasferit lill-esponenti u allura l-istess esponenti m'hijiex il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża;

"Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku biex isostnu l-azzjoni li huma ippromovew fil-konfront tal-esponenti ġaladarba ma jirriżultax mill-kuntratt *de quo* li huma ittrasferew il-fond numru 102 f'Barracks Street, Qormi, kif allegaw."

22. Il-qorti sejra tibda billi tqis dawn l-eċċezzjonijiet għax, jekk jintlaqgħu, il-kawża tieqaf hawn. Essenzjalment, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet igħidu l-istess ħaġa: l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tal-prezz tal-fond numru mija u tnejn (102) fi Triq il-Barrakki, Ħal Qormi, iżda huma bigħu mhux il-fond numru 102 iżda l-fond numru wieħed (1), kif jixhed il-kuntratt relativ. Għalhekk ma jistgħux jitolbu l-prezz tal-fond li ma bigħux.

23. Dawn ma humiex eċċezzjonijiet li tressqu *in bona fide*. Il-kawża nfetħet fis-sena 2000 u minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa meta dan il-punt tqajjem minn din il-qorti fis-sentenza mħassra tat-3 ta' Diċembru 2010 il-partijiet ma kellhom ebda dubju illi l-fond li dwaru saret il-kawża huwa tassew dak li nbigħ mill-atturi lill-konvenuta bil-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon. Ir-raġuni għad-diskrepanza fin-numru kienet imfissra min-Nutar Falzon stess meta xehed fit-3 ta' Mejju 2001[3]. Jekk ma ntebħitx bid-diskrepanza fin-numri meta kienet notifikata biċ-ċitazzjoni il-konvenuta ntebħet biha meta xehed in-nutar u ma qajjmet ebda dubju dwar l-identità tal-fond.

24. Billi għalhekk il-fond li dwaru saret il-kawża huwa tassew il-fond li nbigħ bil-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998 u li tiegħu qiegħed jintalab il-prezz, l-eċċezzjonijiet ulterjuri, li l-qorti tqishom bħala fiergħa, huma miċħuda.

25. Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tal-appell. L-aggravji tal-konvenuta huma tlieta:

26. l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qalet illi hemm "nuqqas ta' kjarezza" jew ta' "spjegazzjoni ċara" fil-kuntratt, u għalhekk straħet fuq xiehda orali biex tinterpretah; kellha minflok toqgħod fuq dak li ftiehmu l-partijiet u d-dikjarazzjoni minnhom magħmula illi l-prezz kien tħallas kollu. Jekk, min-naħa l-oħra, l-qorti kellha tagħmel interpretazzjoni tal-kuntratt, dan kellha tagħmlu fil-kuntest tan-negozji kollha li seħħew bejn il-partijiet kollha;

27. il-ħlas lill-atturi kellu jsir minn Martin, mhux mill-konvenuta; u

28. it-tielet aggravju huwa dwar id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi teħles lil Martin mill-ħarsien tal-ġudizzju meta dawn għadhom ma wettqux l-obbligazzjoni tagħhom.

29. L-ewwel aggravju igħid illi l-ewwel qorti kien imissha applikat il-ftehim bejn il-partijiet u mhux tfittex li tinterpretah; jekk tagħżel li tinterpretah kien imissha għamlet dan fid-dawl tan-negozji kollha bejn il-partijiet kollha.

30. Il-konvenuta ma għandhiex raġun fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju. Rajna illi l-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998

[3] Foll. 47 *et seq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

kien biss parti waħda min-negozju trilaterali bejn l-atturi, il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża. Għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti illi fittxet il-verità wara l-paraventu ta' dak li ngħad fil-kuntratt u għandhom raġun l-atturi fit-tweġiba tagħhom igħidu illi, minn qari tal-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998 waħdu, il-pożizzjoni ma hija ċara xejn.

31. Lanqas ma qalet sew il-konvenuta illi l-qorti ma qisitx il-negozju bejn l-atturi u l-konvenuta fid-dawl tan-negozji kollha bejn il-partijiet kollha. L-ewwel qorti fil-fatt għarfet illi l-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998 kien biss parti waħda mill-ftehim trilaterali.

32. Fejn, fil-fehma ta' din il-qorti, marret ħażin l-ewwel qorti kien fil-konklużjoni li waslet għaliha wara li għarfet in-natura trilaterali tal-ftehim. Il-konklużjoni li kien imissha waslet għaliha l-ewwel qorti meta qieset illi l-atturi iddikjaraw illi kienu tħallsu mingħand il-konvenuta, illi l-konvenuta ntrabtet illi tħallas lil Martin u illi Martin intrabtu illi jagħtu l-fond tal-Marsa lill-atturi kellha tkun illi l-konvenuta ma għandha tagħti xejn lill-atturi. Il-fatt illi l-atturi stqarrew illi ma kellhom jieħdu xejn mingħand il-konvenuta jfisser illi aċċettaw illi l-ħlas jeħduh mingħand Martin. Din kienet il-konklużjoni korretta li kien imissha waslet għaliha l-ewwel qorti mill-premessi fattwali aċċertati minnha. Minflok, waslet għal konklużjoni illi *non sequitur*.

33. Il-konvenuta għandha raġun ukoll fit-tieni aggravju meta tgħid illi l-atturi kien imisshom fittxew il-ħlas mingħand Martin. L-atturi wieġbu illi hija l-konvenuta li kien imissha fittxet lil Martin biex tieħu lura dak li l-atturi jgħidu li ħallsuha indebitament. L-atturi iżda ma humiex qegħdin iqisu l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fid-dawl tar-relazzjonijiet komplessi ta' bejniethom. Il-konvenuta ħallset lil Martin għax hekk intrabtet li tagħmel wara illi l-atturi aċċettaw illi tħallas lil Martin flok tħallas lilhom; il-ħlas għalhekk ma kienx ta' indebitu. Il-konvenuta leġittimament straħet fuq l-istqarrija kuntrattwali tal-atturi illi l-prezz tal-bejgħ kien imħallas. Tassaw illi l-atturi għamlu dik l-istqarrija u taw riċevuta b'mod prematur, għax il-ħlas kellu jkun it-trasferiment lilhom tal-fond fil-Marsa li kien għadu ma seħħx, u li baqa' sallum ma seħħx. L-istqarrija iżda għamluha minjeddhom għax straħu fuq l-obbligazzjoni li kellhom Martin li jagħtuhom il-

fond tal-Marsa u l-konvenuta kellha kull jedd li toqgħod fuq dik ir-riċevuta biex tintrabat li tħallas lil Martin, kif għamlet.

34. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa tajjeb.

35. It-tielet aggravju – dwar il-ħelsien ta’ Martin mill-ħarsien tal-ġudizzju – tressaq “subordinatament”. L-aggravju tressaq b’dan il-mod għax, strettament, jekk jintlaqgħu, kif sejrin jintlaqgħu, l-aggravji l-oħra tal-konvenuta, din ma jifdlilhiex interess f’dan l-aggravju li kellu jinteressa pjuttost lill-atturi milli lill-konvenuta.

36. Ċertament, jekk il-negozju bejn il-partijiet kollha jitqies b’mod integrali, Martin ma kellhomx jinħarġu mill-ħarsien tal-ġudizzju għax għandhom obbligazzjoni li għadhom ma wettquhiex. Min-naħa l-oħra, fuq l-atti ta’ din il-kawża kif magħmula, t-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu kontra Martin għal żewġ raġunijiet: l-ewwelnett l-obbligazzjoni ta’ Martin ma kinitx illi jħallsu fi flus kif mitlub fiċ-ċitazzjoni iżda billi jittrasferixxu lill-atturi l-fond fil-Marsa; it-tieni raġuni hija illi din il-qorti ma tistax, fuq l-atti ta’ din il-kawża, tiddeciedi jekk għan-nuqqas ta’ Martin illi jittrasferixxu l-fond fil-Marsa jaħtux Martin stess, għax il-fond tassew fih ħsarat li jiġġustifikaw lill-atturi li ma jaċċettawhx, jew jaħtux l-atturi għax il-ħsarat ma kinux moħbija jew gravi daqskemm qegħdin igħidu lli huma. Din il-kwistjoni ma hijiex il-meritu tal-kawża tallum u l-qorti għalhekk ma hijiex sejra tipprovdi aktar dwar dan l-aggravju li, wara kollox, ma huwiex meħtieġ għall-għanijiet tal-appell.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa’ l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-atturi. L-imsejħa fil-kawża jħallsu l-ispejjeż tagħhom; l-ispejjeż l-oħra jinqasmu hekk: dawk tal-ewwel grad iħallsuhom l-atturi u dawk tal-appell, minħabba fin-natura fiergħa tal-eċċezzjonijiet ulterjuri, jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta Doreen Cardona.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------